

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 23.1.2009
KUMM(2009) 23 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006¹ jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea permezz ta' mekkaniżmu ta' flessibilità, fil-limitu massimu annwali ta' EUR 1 biljun, minbarra l-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju. Il-kundizzjonijiet tal-eliġibilità għall-Fond huma ppreżentati fid-dettall fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002².

Fuq il-bażi ta' applikazzjoni għal għajjnuna mill-Fond mir-Rumanija wara għargħar f'Lulju 2008, l-estimi totali tal-ħsara kkawżata huma kif ġej:

(EUR)

	Ħsara diretta	Limitu	<i>Ammont ibbażat fuq 2.5 %</i>	<i>Ammont ibbażat fuq 6%</i>	Ammont totali ta' għajjnuna proposta
Għargħar fir-Rumanija	471 415 101	566 845 000	11 785 377	-	11 785 377

Fid-dawl tal-eżami ta' din l-applikazzjoni³, u meta titqies l-għotja massima possibbli mill-Fond flimkien mal-ambitu għal allokkazzjoni mill-ġdid tal-appropriazzjonijiet taħt l-intestatura li jirrikjedu nefqa addizzjonali, il-Kummissjoni tipproponi li jkun mobilizzat il-Fond tas-Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għal ammont totali ta' EUR 11 785 377, li għandu jkun allokat taħt l-intestatura 3b tal-qafas finanzjarju.

Bil-preżentazzjoni ta' din il-proposta sabiex jiġi mobilizzat il-Fond, il-Kummissjoni qiegħda tagħti bidu għall-proċedura ssimplifikata tat-trilogu, kif mitlub mill-Punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, sabiex jinkiseb il-ftehim taż-żewġ fergħat tal-Awtorità tal-Baġit dwar il-ħtieġa li jiġi użat il-Fond u l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lill-ewwel waħda miż-żewġ fergħat tal-Awtorità tal-Baġit li tilħaq ftehim dwar l-abbozz tal-proposta tal-mobilizzazzjoni, fil-livell politiku xieraq, biex tinforma lill-fergħa l-oħra u lill-Kummissjoni dwar l-intenzjonijiet tagħha.

Fil-każ li jkun hemm nuqqas ta' ftehim minn waħda mill-fergħat tal-Awtorità tal-Baġit, għandha tissejjaħ laqgħa ta' trijalogu formali.

Il-Kummissjoni se tippreżenta abbozz preliminari ta' baġit ta' emenda (PDAB) sabiex jiddaħħlu fil-baġit tal-2009 appropriazzjonijiet speċifiċi għall-impenji u għall-ħlasijiet kif mitlub mill-Punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

¹ ĠU C 139, 14.06.2006, p. 1.

² ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3

³ Komunikazzjoni lill-Kummissjoni SEC(2009)40 dwar l-applikazzjoni biex jiġi mobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ppreżentata mir-Rumanija, wara għargħar.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġetarja u l-ġestjoni finanzjarja soda⁴, u b'mod partikulari l-punt 26 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jstabbilixxi il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 4(3)⁵,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni⁶,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea ħolqot il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (il-"Fond") sabiex turi solidarjetà mal-popolazzjoni ta' reġjuni milquta minn diżastri.
- (2) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond sal-limitu massimu annwali ta' EUR 1 biljun.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 fih id-dispożizzjonijiet li permezz tagħhom il-Fond jista' jiġi mobilizzat,
- (4) Ir-Rumanija ressqet applikazzjoni biex il-Fond jiġi mobilizzat, fir-rigward ta' diżastru naturali kkaġunat minn għargħar. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002, u għalhekk tipproponi li tawtorizza l-approprijazzjonijiet korrispondenti.

⁴ ĠU C 139, 14.06.2006, p. 1.

⁵ ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

⁶ ĠU C [...], [...], p. [...]

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jkun mobilizzat sabiex jipprovdi s-somma ta' EUR 11 785 377 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President